



Brussell, 11 ta' Frar 2021  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2020/0357(NLE)

---

5803/1/21  
REV 1

CORDROGUE 2  
SAN 48  
RELEX 71

**NOTA**

minn:	Presidenza
lil:	Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi
Nru. dok. preċ.:	14203/20 + ADD 1
Nru dok. Cion:	COM (2020) 814 final
Suġġett:	<p>L-iskedar internazzjonali ta' SPĠ</p> <p>- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem I-Unjoni Ewropea, fl-erbgħa u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emadata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971</p>

Delegations will find in the annex the revised version of the draft Council Decision on international scheduling of NPS. Changes compared to the previous version are marked in bold underlined/strikethrough.

The following caveat is to be taken into account: the substances referred to in this draft Council Decision are to be understood as the respective substances contained in the letter addressed to the Secretary-General of the United Nations from the Director-General of the World Health Organization, dated 30 November 2020, containing the recommendations following the Forty-third Meeting of the WHO's Expert Committee on Drug Dependence.

In the case that Delegations have further and final comments to this draft Council Decision, they may send them until 16 February 2021 (cob) to the Presidency ([HDG2021PT@sicad.min-saude.pt](mailto:HDG2021PT@sicad.min-saude.pt)) and to the Council Secretariat ([hdg@consilium.europa.eu](mailto:hdg@consilium.europa.eu)).

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-erbgħa u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi ġewwa l-iskedar ta' susstanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Susstanzi Psikotropiċi tal-1971**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972<sup>1</sup>, (il-"Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi") daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 1975.
- (2) Skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tista' tiddeċiedi li żżid is-susstanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni. Hija tista' biss tagħmel tibdiliet fl-Iskedi f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha (WHO), iżda tista' tiddeċiedi wkoll li ma tagħmilx il-bidliet irrakkomandati mid-WHO.
- (3) Il-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Susstanzi Psikotropiċi tal-1971 (il-"Konvenzjoni dwar is-Susstanzi Psikotropiċi")<sup>2</sup> daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 1976.

---

<sup>1</sup> United Nations Treaty Series (Sensiela tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), vol. 978, Nru 14152.

<sup>2</sup> United Nations Treaty Series (Sensiela tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), vol. 1019, Nru 14956.

- (4) Skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tista' tiddeċiedi li żżid is-sustanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni, jew li tneħħihom, abbażi tar-rakkmandazzjonijiet tad-WHO. Hija għandha setgħat diskrezzjonali estensivi biex tieħu kont ta' fatturi ekonomiċi, soċjali, legali, amministrattivi u fatturi oħrajn, iżda ma tistax taġixxi b'mod arbitrarju.
- (5) Il-bidliet fl-Iskedi taż-żewġ Konvenzjonijiet għandhom riperkussjonijiet diretti fuq il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tad-drogi. Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI<sup>3</sup> tapplika għas-sustanzi elenkti fl-Iskedi ta' dawn il-Konvenzjonijiet. Għalhekk, kwalunkwe tibdil fl-Iskedi annessi ma' dawk il-Konvenzjonijiet jiġi inkorporat direttament fir-regoli komuni tal-Unjoni.
- (6) Matul l-erbgħa u sittin sessjoni, li hija tentattivament skedata għal bejn it-12 u s-16 ta' April 2021 fi Vjenna, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi ser tadotta deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' 8 sustanzi ġoddha mal-Iskedi tal-Konvenzjonijiet tan-NU.
- (7) L-Unjoni mhix parti fil-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Hija għandha status ta' osservatur bla ebda dritt tal-vot fil-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi li tnax-il Stat Membru huma membri tagħha bid-dritt tal-vot f'April 2021<sup>4</sup>. Għaldaqstant huwa meħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lill-Istati Membri jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi peress li dawn id-deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' sustanzi ġoddha mal-Iskedi tal-Konvenzjonijiet jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni.

---

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8).

<sup>4</sup> L-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, Franzja, il-Ġermanja, l-Ungernja, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja u l-Iżvejza.

- (8) Id-WHO irrakkomandat iż-żieda ta' sustanza ġdida oħra fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, erba' sustanzi ġodda fl-Iskeda II u tliet sustanzi ġodda fl-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi<sup>5</sup>.
- (9) Is-sustanzi l-ġodda li ġew rieżaminati mill-Kumitat tal-Esperti tad-WHO dwar id-Dipendenza fuq id-Droga ("il-Kumitat tal-Esperti") u li ġew irrakkomandati biex jiġu skedati mid-WHO huma mmonitorjati miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanzi psikoattivi ġodda skont it-termini tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>.
- (10) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, l-isotonitażen (isem kimiku: *N,N-dietil-2-(2-(4-isoproposibenzil)-5-nitro-1H-benzo[d]imidażol-1-il)etan-1-ammina*) huwa analġeżiku oppojde sintetiku u huwa relata mill-qrib mal-etonitażen u l-klonitażen, li t-tnejn li huma jinsabu taħt il-kontroll internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi. L-isotonitażen ma għandu l-ebda użu terapewtiku u lanqas ma ġie awtorizzat jitqiegħed fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm bieżżejjed evidenza li l-isotonitażen qed jiġi abbużat, jew x'aktarx li jiġi abbużat, u jista' jikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħha pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-isotonitażen jitqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.
- (11) L-isotonitażen ġie inkluż fid-definizzjoni ta' "droga" skont id-Deċiżjoni Qafas 2004/757/ĠAI permezz ta' Direttiva Delegata tal-Kummissjoni<sup>7</sup>.

---

<sup>5</sup> **Is-sustanzi msemmija f'dan l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill għandhom jinfieħmu bħala s-sustanzi rispettivi li jinsabu fl-ittra indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti mid-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, bid-data tat-30 ta' Novembru 2020, li fiha r-rakkmandazzjoni wara t-Tlieta u Erbgħin Laqgħa tal-Kumitat tal-Esperti tad-WHO dwar id-Dipendenza fuq id-Droga.**

<sup>6</sup> Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1).

<sup>7</sup> Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/1687 tat-2 ta' Settembru 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI fir-rigward tal-inklużjoni tas-sustanza psikoattiva ġdida *N,N-dietil-2-[4-(1-metiletossi)fenil]metil]-5-nitro-1H-benżimidażol-1-etanammina* (isotonitażen) fid-definizzjoni ta' "droga", C(2020) 5897 final, ĠU L 379, 13.11.2020, p. 55.

- (12) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-pożizzjoni li l-isotonitażen jiżdied mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.
- (13) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, MDMB-4en-PINACA (isem kimiku: metil[...]3,3-dimetil-2-(1-(pent-4-en-1-il)-1H-indażolu-3-karbossamido)butanoat) hija kannabinojdi sintetika. L-MDMB-4en-PINACA ma għandha l-ebda użu terapewtiku u ma rċeviet l-ebda awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li MDMB-4en-PINACA qed tiġi abbużata jew x'aktarx li tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-MDMB-4en-PINACA titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (14) L-MDMB-4en-PINACA nstabet f'20 Stat Membru u hija kkontrollata f'14-il Stat Membru. Hija ġiet assoċjata ma' disa' mwiet [...]. L-MDMB-4en-PINACA kienet s-suġġett ta' investigazzjoni dettaljata, li wasslet għal rapport ta' valutazzjoni tar-riskju miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga.
- (15) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-pożizzjoni li l-MDMB-4en-PINACA tiżdied fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (16) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, il-CUMYL-PEGACLONE (isem kimiku: 5-pentil-2-(2-fenilpropan-2-il)-2,5-diidro-1H-pirido[4,3-b]indol-1-on hija kannabinojdi sintetika. Il-CUMYL-PEGACLONE ma tidħir li hija liċenzjata għal użi terapewtiċi u lanqas ma rċeviet awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li l-CUMYL-PEGACLONE qed tiġi abbużata jew x'aktarx li tiġi abbużata u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-CUMYL-PEGACLONE titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

- (17) Il-CUMYL-PEGACLONE nstabet fi ħdax-il Stat Membru u hija kkontrollata f'tal-anqas ħames Stati Membri. Hija ġiet assoċjata ma' tal-anqas tliet imwiet u nstabet f'sitt kampjuni bijoloġiċi assoċjati ma' avvenimenti avversi serji.
- (18) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-pożizzjoni li l-CUMYL-PEGACLONE tiżdied fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (19) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, il-flubromażolam (isem kimiku: 8-bromo-6-(2-fluorofenil)-1-metil-4H-benzo[f][1,2,4]triażolo[4,3-a][1,4]-diażepina) hija sustanza tat-tip benzodiazepina. Il-flubromażolam ġiet riċerkata għall-proprietajiet ansjolitiċi tagħha u għat-tnaqqis tal-effetti sekondarji sedattivi, ipnotiċi u atassici tagħha, iżda ma jidhix li hija liċenzjata għal użi terapewtiċi u lanqas ma rċeviet awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li l-flubromażolam qed tīgi abbużata, jew x'aktarx li tīgi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħha pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-flubromażolam titqiegħed fl-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (20) Il-flubromażolam instabet fi 15-il Stat Membru u hija kkontrollata f'tal-anqas seba' Stati Membri. Hija ġiet assoċjata ma' żewġ imwiet u seba' intossikazzjonijiet mhux fatali; hija instabet ukoll f'44 kampjun bijoloġiku assoċjati ma' mwiet.
- (21) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-pożizzjoni li l-flubromażolam tiżdied fl-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

- (22) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, il-klonażolam (magħrufa wkoll bħala klonitrażolam; isem kimiku: 6-(2-klorofenil)-1-metil-8-nitro-4H-benzo[f][1,2,4]triażolo[4,3-a][1,4]diażepina) hija sustanza tat-tip benzodiazepina. Il-klonażolam ma tidhirx li hija liċenzjata għal użi terapewtiċi u lanqas ma rċeviet awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li l-klonażolam qed tiġi abbużata, jew x'aktarx li tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-sahħha pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-klonażolam titqiegħed fl-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (23) Il-klonażolam instabet fi 15-il Stat Membru u hija kkontrollata f'tal-anqas erba' Stati Membri. Hijha għiet assoċjata ma' żewġ imwiet u ġumes intossikazzjonijiet mhux fatali.
- (24) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-pożizzjoni li l-klonażolam tiżdied fl-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (25) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, id-diklażepam (magħrufa wkoll bħala Ro 5-3448; isem kimiku: 7-kloro-5-(2-klorofenil)-1-metil-1,3-diidro-2H-benzo[e][1,4]diażepin2-on) hija sustanza tat-tip benzodiazepina. Id-diklażepam ma tidhirx li hija liċenzjata għal użi terapewtiċi u lanqas ma rċeviet awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li d-diklażepam qed tiġi abbużata, jew x'aktarx li tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-sahħha pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li d-diklażepam titqiegħed fl-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (26) Id-diklażepam instabet f'16-il Stat Membru u hija kkontrollata f'tal-anqas tmien Stati Membri. Hijha għiet assoċjata ma' żewġ imwiet; hija instabet ukoll f'8 kampjuni bijoloġiċi assoċjati ma' mwiet.

- (27) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-pożizzjoni li d-diklażepam tiżdied fl-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (28) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, 3-metossifenciklilidina (isem ieħor: **3-MeO-PCP; [...]** isem kimiku: **1-(1-(3-metossifenil)cikloēzil)piperidina** [...]) hija sustanza tat-tip dissoċjattiv.
- It-3-Metossifenciklidina ma tidhirx li hija liċenzjata għal użi terapewtiċi u lanqas ma rċeviet awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li it-3-metossifenciklidina qed tiġi abbużata, jew x'aktarx li jtīgi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħha pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li t-3-metossifenciklidina titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (29) It-3-Metossifenciklidina nstabet f'18-il Stat Membru u hija kkontrollata f'tal-anqas tmien Stati Membri. Hija ġiet assoċjata ma' tal-inqas seba' mwiet u ħames intossikazzjonijiet mhux fatali; hija instabet ukoll fi 18-il kampjun bijoloġiku assoċjati ma' avvenimenti avversi serji.
- (30) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-pożizzjoni li 3-metossifenciklidina tiżdied fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (31) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, id-difenidina (isem kimiku: 1-(1,2-difeniletil)piperidina) hija sustanza tat-tip dissoċjattiv. Id-difenidina ma tidhirx li hija liċenzjata għal użi terapewtiċi u lanqas ma rċeviet awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li d-difenidina qed tiġi abbużata, jew x'aktarx li tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħha pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li d-difenidina titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

- (32) Id-difenidina nstabet fi 17-il Stat Membru u hija kkontrollata f'tal-anqas tmien Stati Membri. Hija ġiet assoċjata ma' tal-anqas żewġ intossikazzjonijiet mhux fatali u nstabet f'ħames kampjuni bijoloġiċi assoċjati ma' avvenimenti avversi serji.
- (33) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-pożizzjoni li d-difenidina tiżdied fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (34) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, peress li d-deċiżjonijiet dwar l-iskedar fir-rigward tat-tmien sustanzi ser jinfluwenzaw direttament il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI.
- (35) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tittieħed mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, li jaġixxu b'mod konġunt.
- (36) Id-Danimarka marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI kif applikabbli sal-21 ta' Novembru 2018 u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (37) L-Irlanda marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri f'isem l-Unjoni fl-erbgħa u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi mit-12 sas-16 ta' April 2021, meta dak il-korp jintalab biex jadotta deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' sustanzi fl-Iskedi tal-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata bil-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 għandha tkun skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tittieħed mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni matul l-erbgħa u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi skedat b'mod tentattiv mit-12 sas-16 ta' April 2021:

- (1) L-isotonitażen irid jiġi inkluż fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi;
- (2) L-MDMB-4en-PINACA trid tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi;
- (3) Il-CUMYL-PEGACLONE trid tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi;
- (4) Il-flubromażolam trid tiġi inkluża fl-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi;
- (5) Il-kloxażolam trid tiġi inkluża fl-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi;
- (6) Id-diklażepam trid tiġi inkluża fl-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi;
- (7) It-3-Metossifenciklidina trid tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi;
- (8) Id-difenidina trid tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.